MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 1013/2011

**Edmea GRECH**

**vs**

**Romina GATT**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mill-attrici fis-6 ta’ Dicembru, 2011 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta’ elf tlett mija hamsa u tletin euro (€1,335) – liema ammont gie ridott ghas-somma ta’ elf u sittin euro (€1,060) permezz ta’ nota mressqa mill-attrici fit-30 ta’ April, 2012 – wara li ppremettiet hekk:

“Tghid il-konvenuta ghaliex m’ghandhiex thallas lill-attrici s-somma ta’ elf tlett mija u hamsa u tletin euro (€1335) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attrici in konessjoni ma linja telefonika mal-kumpanija GO plc.

Bl-ispejjez u bl-imghax mis-16 ta' Novembru, 2011 meta l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas.

Il-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-konvenuta** imressqa minnha fit-30 ta' Dicembru, 2011 u li permezz taghha ecceppiet hekk:

1. Preliminarjament l-intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-esponenti uzat linja tat-telefon bil-kunsens u approvazzjoni tal-attrici, izda l-esponenti qatt ma kienet legalment obbligata li thallas ghal tali uzu ta' telefon, u ghalhekk m'hemm ebda ness guridiku bejn l-attrici u l-intimata.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fil-passat l-esponenti ghazlet bla pregudizzju li tikkumpensa *ex gratia* lill-attrici ghal servizz ta' telefon li kellha fuq isimha, u tant kien *ex gratia* li l-attrici qatt ma rrilaxxat ricevuta favur l-esponenti.

3. Illi bla pregudizzju ghaz-zewg eccezzjonijiet precedenti, l-esponenti hallset lill-attrici ammonti ta' flus li huma daqs u/jew iktar milli jiswew it-telefonati li hija ghamlet mill-imsemmija linja tat-telefon, u ghalhekk anke ghal din ir-raguni xejn ma hu dovut lill-attrici".

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mill-attrici fit-30 ta' April, 2012 u li permezz taghha, l-attrici rriduciet l-ammont minnha pretiz ghal elf u sittin euro (€1,060);

Ra l-verbal tal-4 ta' Mejju, 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra l-atti u x-xhieda moghtija;

Ikkunsidra;

Illi mix-xhieda mressqa jirrizulta s-segwenti:

1. **Paul Busuttil**, rapprezentant tas-socjeta GO p.l.c. xehed fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2012. Huwa qal li l-attrici ghandha l-*customer number* 40097122 u li kienet abbonata mas-socjeta minnu rapprezentata ghas-servizz imsejjah *Home Pack* liema servizz jinkludi fih diversi stazzjonijiet ta-televizjoni, it-telefon u l-ADSL (*internet*). Ix-xhud qal li "*dan is-servizz illum il-gurnata gie maqtugh il-ghaliex gew akkumulati certu ammont ta' kontijiet liema kontijiet baqghu ma thallsux...*" (fol. 12). Minhabba f'hekk, ighid dan ix-xhud, "*lhaqna ftehim ma' l-attrici fejn hi thallas is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin ewro kull xahar sabiex taqta l-ammont li hemm dovut, sitt mija u sittin ewro u hmistax il-centezmu, dan huwa l-bilanc. L-ammont li bih kien inbeda dan il-ftehim kien ta' elf mitejn u sebgha u tmenin ewro u hmistax-il centezmu*" (fol. 13). Dan il-ftehim ta' hlas bejn is-socjeta GO p.l.c. u l-attrici gie ffirmat fl-24 ta' Novembru, 2011.

B'referenza ghal meta u fejn kien gie nstallat is-servizz tal-*home pack*, ix-xhud ighid li dan kien gie installat fid-9 ta' Jannar, 2009 u l-indirizz fejn gie installat is-servizz kien 27, Faith Court, Flat numru 8, Triq ic-Crieki, Marsascala.

Meta gie mistoqsi jghid jekk il-konvenuta kellhiex xi servizzi mas-socjeta GO p.l.c., x-xhud stqarr li fuq isem il-konvenuta kien hemm servizz tat-telefon li kien installat ir-Rabat u dan fil-perjodu ta' bejn il-11 ta' Ottubru, 2000 u l-14 ta' Jannar, 2002. Dan is-servizz huwa maqlugh. Ighid ukoll li l-konvenuta kellha servizz iehor minn taghhom gewwa l-fond 29, Triq San Rokku, Cospicua u dan sas-6 ta' Dicembru, 2001. Dan is-servizz inqata ukoll ghaliex il-kontijiet ma kienux qeghdin jithallsu. Wara s-sena 2002 il-konvenuta ma kellhiex servizzi ohra mas-socjeta GO p.l.c.. Meta gie mistoqsi biex jispjega l-procedura tal-kumpanija minnu rapprezentata meta jkun hemm persuna li trid tapplika mill-gdid ghal xi servizz huwa qal li "*jekk ikun hemm kontijiet pendenti s-sistema ma thallix lil dik il-persuna terga tapplika mill-gdid ghal xi servizz*" (fol. 13). Huwa jikkonferma ukoll li "*l-ammonti li kellha taghti Romina Gatt lis-socjeta minni rapprezentata fis-sena 2001 u b'referenza ghall-postijiet tar-Rabat u ta' Cospicua nghid*

*illi dawn il-kontijiet ghadhom pendenti sal-gurnata ta' llum*" (fol. 13).

In kontro-ezami, u meta gie mistoqsi dwar il-pagamenti li kienu qeghdin isiru ghas-servizz li kien gie installat gewwa Marsascala, r-rapprezentant tas-socjeta GO p.l.c. jghid li "*... sa Awissu tal-2010 ghandi nghid illi kienu jsiru pagamenti regolari tal-hlasijiet dovuti lis-socjeta minni rapprezentata ghas-servizz li konna qeghdin nipprovdu*". Wara Awissu, jghid dan ix-xhud, qatt ma kien hemm xi hlas iehor. Is-servizz gie finalment terminat fit-8 ta' Marzu tas-sena 2011. Il-kont dovut sadakinhar kien ta' €1287 u maghhom kien hemm is-somma ta' €48 ghall-ittra maghmula taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 u li giet ipprezentata kontra l-attrici mis-socjeta GO p.l.c.

Qal ukoll li is-somma ta' €337.38 tirreferi ghad-*decoder* tat-televizjoni u *modem* tal-*internet* u forsi xi *disconnection fee* tal-kuntratt tal-*home pack*. Stqarr ukoll li jekk l-apparat jigi ritornat lura lis-socjeta GO p.l.c. allura jkun hemm rifuzjoni ta' dik is-somma. F'dan il-kaz, ighid ix-xhud, dan l-apparat ma kienx gie ritornat lura qabel ma sar il-ftehim tal-24 ta' Novembru, 2011. Meta reggha xehed dan ix-xhud fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2012 huwa qal li s-socjeta minnu rapprezentata ma zzommx l-informazzjoni ta' min ikun ghamel il-hlasijiet.

2. Fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2012 **xehdet l-attrici**, li qal illi l-konvenuta tigi ohtha. Hija ghaddiet biex tispjega li ghal habta tas-sena "*2009 kienet giet ohti l-konvenuta u talbitni sabiex napplika ghas-servizz tal-home pack fuq ismi u dan peress li hi ma setghetx. Ir-raguni li tatni ohti l-ghala ma setghux jaghmlulha l-home pack fuq isimha kienet li hi kellha taghti lis-socjeta Maltatcom dak iz-zmien illum GO u ma kinux ser jaghmlulha dan il-home pack minhabba dik ir-raguni*" (fol. 16). Tghid l-attrici, li hi ma sabet l-ebda diffikulta biex taghmel dan u fil-fatt "*applikajt biex jaghmlu l-home pack fid-dar ta' ohti fuq ismi. L-indirizz tad-dar ta' ohti hu 27, Faith Court, Flat 8, Triq ic-Crieki, Marsascala*" (fol. 16). Meta kienet applikat ghal dan is-servizz, l-attrici u ohtha kienu marru gewwa l-*oulet* ta' Rahal Gdid. L-attrici ffirmat il-karti u l-konvenuta hadet il-kaxxi bl-affarijiet. Il-

ftehim bejn il-kontendenti kien illi l-kontijiet dovuti ghal dan is-servizz kellhom jithallsu mill-konvenuta.

L-attrici tghid li f'Marzu tas-sena 2011, "*ohti kienet giet u qaltli li kien hemm xi kont pendenti u li riedet tehilsu l-ghaliex kienet sejra tapplika biex igib is-servizz minghand il-Melita*" (fol. 16). Skond l-attrici, l-konvenuta kienet infurmatha li kien hemm kont pendenti ta' xi €700 jew €800. L-attrici ssostni ukoll li "*dak iz-zmien kont tqila ma kellix mohh li mmur ma ohti sabiex naqta s-servizz u allura tajtha karta sabiex tkun tista taghmel dak kollu hi ghan-nom tieghi*". Imbaghad lejn l-ahhar tas-sena 2011 l-attrici riedet tapplika ghas-servizz tal-GO p.l.c. "*u meta mort qaluli li kien hemm kont pendenti, qaluli li l-ammont kien ta' madwar elf u tlett mitt ewro*" (fol. 16). Meta saret taf b'dan, hija cemplet immedjatament lil ohtha l-konvenuta li ammettiet maghha li kellha taghti lis-socjeta GO is-somma ta' madwar elf u tlett mitt ewro. Il-konvenuta qaltilha li kienet qeghda tistenna lis-sieheb taghha Mohammed sabiex jigi lura minn barra halli jaghtiha l-flus u tkun tista taqta l-kont. Peress li, tghid l-attrici, ohtha l-konvenuta baqghet ma hallsitx, hija ma kellhiex triq ohra ghajr li tiffirma l-ftehim ta' hlas b'rati mensili mas-socjeta GO p.l.c. u taghmel kawza lill-ohtha ghall hlasijiet li hija qeghda taghmel ghal servizz li intuza esklussivament minn ohtha.

In kontro-ezami, l-attrici giet mistoqsija jekk qatt kien hemm xi okkazzjoni fejn ohtha l-konvenuta taghtha l-flus sabiex hi tmur thallas il-kontijiet, l-attrici twiegeb u tghid li "*qatt ma mort inhallas xi kont ghaliex ohti qatt ma taghtni flus biex naghmel hekk*" (fol. 17). Mistoqsija jekk qattx inghatat flus minghand ohtha l-konvenuta b'mod ingenerali, l-attrici wiegeb fl-affermattiv u ziedet tghid "*pero dan wara li nkun tajtha jien l-istess flus, jigifieri ohti kull ma tkun ghamlet hu li tkun irritornat lura l-flus li nkun selliftha*" (fol. 17).

Meta l-attrici giet mistoqsija jekk hi qatt ircevietx xi flejjes minghand is-sieheb tal-konvenuta sabiex jinqata dan il-kont hija tghid li "*le qatt ma rcevejt flus minghand Mohammed biex naqta l-kont li kien hemm pendenti mal-*

*GO*" (fol. 18). L-unika flejjes li hija irceviet "*... kienu minhabba li jiena nkun sliftu lilu u lill-ohti flus qabel*" (fol. 18).

3. Xehdet ukoll fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2012 **Joan Zammit**, oht il-kontendenti. Hija tghid li f'Settembru, 2011 hi kienet giet licenzjata mill-Isptar peress li qattet xi hamest'ijiem hemmhekk. Dak-in-nhar, l-attrici, zewgha u t-tifla tax-xhud Cristabel kienu marru biex jigbruha mill-Ipstar. Waqt li kienu sejrin id-dar tax-xhud, l-attrici qaltilha li riedet tieqaf fil-pjazza ta' Rahal Gdid biex tmur ghand tal-GO. Wara li x-xhud marret tixtri xi haga mill-gabbana li hemm fil-pjazza, hi u bintha dahlu fejn l-attrici li kienet fil-hanut tal-GO. Hi semghet lis-*salesgirl* tghid lill-ohtha l-attrici li kien ghad hemm kont pendenti fuq isimha. Dak il-hin stess, tghid din ix-xhud, l-attrici cemplet lill-konvenuta u "*staqsietha ghala ma kinitx ghada hallset il-kont u lill-Romina* [il-konvenuta odjerna] *jiena smajtha tghid li kienet qeghda tistenna lill-Mohammed jigi mill-Egittu, fil-fatt qaltilha li kien gej fil-jiem ta' wara u li kien sejjer ihallas il-kont kollu*" (fol. 19). Hija semghet lill-konvenuta tghid dan il-kliem peress li l-attrici ghamlet il-*mobile* fuq l-i*speaker phone*.

Ix-xhud tghid ukoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn ohtha l-konvenuta kienet tmur izzurha d-dar u hemm hi kienet tistaqsiha l-ghala ma kienitx hallset il-kont li kien hemm fuq isem l-attrici. Il-konvenuta kienet tghidilha "*li mhux ser inhallsilha xejn*" (fol. 19).

In kontro-ezami, x-xhud tghid li hi mhux miggielda ma ohtha l-konvenuta, izda hija l-konvenuta li hi miggielda maghha. Ilha ma tkellem lill-ohtha zgur minn Settembru, 2011 u cioe fiz-zmien li hi kienet l-Isptar. Ir-raguni ghal dan id-dizgwid, skond din ix-xhud kien "*... minhabba l-kwistjoni tal-hanut*[1] *u dan peress illi halliet hafna kontijiet pendenti warajha*" (fol. 20).

4. Xehdet ukoll **Josephine Gatt**, omm il-kontendenti. Hija tiftakar f'okkazzjoni meta hi kienet id-dar ta' l-attrici u

[1] Is-sieheb tax-xhud kien tat b'titolu ta' kera hanut lill-konvenuta gewwa Marsascala.

kienet giet il-konvenuta. Dak-in-nhar, il-konvenuta kienet talbet lill-attrici taghmlilha karta "*...sabiex tkun tista tnehhi s-servizz tal-GO li kellha fid-dar taghha Romina. Edmea ghamlet din il-karta ... pero x'kien fiha din il-karta jew x'inkiteb fiha din il-karta jiena ma nafx*" (fol. 21).

5. **Cristabel Zammit**, in-neputija tal-kontendenti, xehdet li madwar sena qabel ma dahlet l-Isptar ommha (ix-xhud Joan Zammit) hija kienet ghand zitha l-konvenuta u nfurmatha li hija kellha taghti lil GO. Kienet qaltilha ukoll li kien qed "*ikollha xi tghid ma Mohammed peress li kien il-hin kollu ccempel l-Egittu u ma kienx itiha flus biex thallas dawn il-kontijiet*" (fol. 22). Din ix-xhud ftakret l-okkazzjoni meta hi u l-attrici kienu marru ghal ommha l-Ipstar u huma u sejrin lura d-dar waqfu fl-*outlet* tal-GO gewwa Rahal Gdid. Tghid li "*Edmea fil-fatt kienet cemplet lill-Romina ghamlitha fuq l-ispeaker u jiena stajt nisma b'widnejja stess lill-Romina tghidilha illi kienet qeghda tistenna lill-Mohammed jigi lura sabiex immur ihallas il-kont hu*" (fol. 22). Meta giet mistoqsija r-raguni l-ghala l-attrici kienet ghamlet lill-konvenuta fuq l-i*speaker phone* meta kienu fil-hanut tal-GO, ix-xhud tghid li "*... ghamlet hekk sabiex tismaghha tal-GO stess. Fil-fatt tal-GO qaltilha lill-ziti illi ghalxejn kienet qeghda taghmilha fuq l-ispeaker phone ghaliex il-kont kien issejjah Edmea Grech u waqt din il-konversazzjoni l-karta li kienet iffirmat Edmea Grech lill-Romina Gatt ma ssemmietx*" (fol. 23).

In kontro-ezami tghid li l-kwistjonijiet bejn omma (Joan Zammit) u l-konvenuta inqalghu meta l-konvenuta rceviet karta mill-Qorti minghand ommha biex tohrog mill-hanut.

6. Il-**konvenuta** xehdet fis-17 ta' Frar, 2012. B'referenza ghal dak li qal ir-rapprezentant tal-GO fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2012, il-konvenuta stqarret li meta hi telqet lill-*boyfriend* taghha ta' dak iz-zmien, l-intendiment bejniethom kien li huwa kellhu jhallas l-kont tat-telefon li kellhom ir-Rabat. Bhala fatt pero taf li huwa qatt ma ghamel dan u li ghad hemm kont pendenti. Ghar-rigward tal-kont li kien hemm fuq il-post ta' Bormla, hija tghid li hi kienet tghix f'dan il-post ma missierha u ma kienitx taf li kien ghad hemm kont pendenti f'dan ir-rigward. Fil-fatt hi

kienet staqsiet lill-missierha dwar dan u huwa kkonfermala dan il-fatt. B'referenza ghall-kaz in dizamina, l-konvenuta tghid li ghal "... *bidu tas-sena 2009 meta jiena kont fis-salott ta' ohti konna qeghdin nitkellmu bejnietna u qaltli sabiex nixtri dan il-pakkett tal-GO. Jiena ghidtilha li kelli kwistjoni maghhom u li ma stajt naghmel xejn fuq ismi. Kont semmejtilha illi l-kwistjoni kienet dwar il-post tar-Rabat u l-fatt li l-boyfriend li kelli ma kienx hallas il-kont. Ohti kienet offrietli li taghmel din l-applikazzjoni fuq isimha u jiena kont qbilt*" (fol. 26). Il-ftehim bejn il-kontendenti kien li "*... l-hlas relattiv ghall-uzu ta' dan is-servizz kelli naghmlu kollu jien*" (fol. 27).

Il-kont ghal dan is-servizz, tghid il-konvenuta kienet tircievih fl-indirizz taghha u cioe fil-fond 27, Faith Court, Flat 8, Triq ic-Crieki, Marsascala. Gieli "*... nkun hallastu kif diga ghidt direttament jiena u gieli nkun baghat lill-boyfriend tieghi ghand ohti biex ihallas hu lilha u hi thallas lil tal-GO*" (fol. 27).

Il-konvenuta tikkonferma l-fatt li ohtha l-attrici gieli xtrat xi affarijiet ghaliha u ghas-sieheb taghha permezz tal-VISA, u imbaghad hi thallasha bi flus kontanti. Tikkonferma ukoll li hi kienet tissellef xi flus minghand ohtha u imbaghad hi thallasha lura ftit taz-zmien wara.

Ghal habta ta' Frar, 2011, tghid il-konvenuta, kien gie kont ta' xi haga fuq €949 u hi ma kienitx hallset dan l-ammont. Peress li s-servizz kien beda f'Jananr, 2009 allura f'Jannar 2011 kien skada. Ghal habta ta' April jew Mejju tas-sena 2011, kienet cemplitilha l-attrici dwar dan il-kont pendenti. Il-konvenuta qaltilha "*...biex ma toqghodx tinkwieta u li kont sejjer nibghat lill-Mohammed sabiex jiehu hsieb ihallas dan il-kont*" (fol. 27). Fil-fatt, tghid il-konvenuta, hija kienet tat dan il-kont lis-sieheb taghha Mohammed biex imur jaghti l-flus lill-attrici. Tghid ukoll il-konvenuta li lill-Mohammed hija ratu jghodd dawn il-flus quddiemha u taf li mar ghand ohtha biex jaghtiha dawn il-flus.

Il-konvenuta tichad dak li qalet ohtha l-attrici u ommha ghar-rigward tal-karta li allegatament kienet iffirmata mill-

attrici fejn aawtorizzata taqta s-servizz tal-GO. Dan l-ghaliex f'Marzu, 2011 hija kienet ghadha kif weldet lill-bintha fis-6 ta' marzu, 2011. Oltre dan, ma kienx hemm servizz xi tnehhi ghax kien ilu li nqata.

Ghar-rigward tad-*decoder* u l-affarijiet l-ohra li kienu nghataw lilha meta hi kienet hadet is-servizz, il-konvenuta tghid li dawn l-affarijiet ghadhom ghandha l-ghaliex hadd qatt ma talabha sabiex tirritornahom lura. Fil-fatt tghid li dawn l-affarijiet kienu ghadhom ghandha[2].

Ghar-rigward tat-telefonata li allegatament sehhet f'Settembru, 2011 – dik bejnha u bejn ohtha l-attrici mill-*outlet* tal-GO – il-konvenuta tghid li din it-telefonata qatt ma sehhet. Dan peress li s-sieheb taghha Mohammed kien mar ihallasha l-pendenzi kollha f'April, 2011.

F'Settembru, 2011 imbaghad inqala d-dizgwid bejn l-ahwa peress li kien hemm "... *l-episodju tal-hanut u cioe li jiena kont qeghda nikri hanut f'Marsaskala minghand il-boyfriend ta' ohti u mbaghad wara li rcevejt karta mill-Qorti li kelli nohrog kienet dahlet Edmea Grech*" (fol. 28).

Meta giet mistoqsija, in kontro-ezami, tispjega r-raguni l-ghala hi ma hassietx il-bzonn li tavza lill-ohtha l-attrici li kienet qeghda tircievi l-ittri minghand il-GO minhabba li ma kienx qed jithallas il-kont, il-konvenuta tghid li "*... ma hassejt l-ebda htiega u jiena kont sejra naghmel kif dejjem ghamilt u cioe illi nhallas l-ammont f'daqqa*" (fol. 28).

7. Fl-istess seduta tas-17 ta' Frar, 2012 xehed **Mohammed Gomaa Geriwa**, is-sieheb tal-konvenuta. Huwa jghid li l-kontijiet in konessjoni mas-servizzi tal-GO kien ihallashom hu. Izid ighid li "*... kien hemm xi darba jew darbtejn fejn jiena mort inhallas il-GO personalment il-bqija, l-kumplament kont immur ghand Edmea u nghaddilha l-flus hdejn il-hanut taghha u hi mbaghad kienet tmur thallas dawn l-istess kontijiet*" (fol. 29). Ighid ukoll li "*l-ahhar kont li kien hemm pendenti kien ta'*

[2] Sussegwentement, u fil-mori tal-kawza, dawn l-oggetti gew ritornati lill-attrici u dan skond ma jixhed il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Marzu, 2012 u r-ricevuta mmarkata bhala Dok. PB 3 a fol. 47 tal-process datata 21 ta' Marzu, 2012.

*madwar disa' mija u hamsin ewro, dan il-kont jiena hallastu ... fl-ahhar gimgha t' April l-ewwel gimgha ta' Mejju*" (fol. 29). Fil-fatt, ikompli jghid dan ix-xhud, "*... dawn id-disa' mija u hamsin mort intihom lill-Edmea fil-hanut taghha li ghandha f'Haz-Zabbar, kont iltqajt maghha quddiem il-hanut taghha. Jiena tajtha disa' mija u hamsin ewro cash flimkien mal-kont tal-GO*" (fol. 29). Huwa jghid li l-attrici qatt ma kienet taghtih ricevuta tal-flus li kien jaghtiha kif lanqas qatt ma ghamlilha hu meta hi kienet isselffu xi flus kontanti u imbaghad kien jaghtihomla lura. Ix-xhud izid ighid li meta huwa ghadda dawn il-flejjes lill-attrici, kien hemm siehbu prezenti fil-karozza. In kontro-ezami jghid li huwa ghadda flejjes lill-attrici kemm-il darba fil-presenza ta' siehbu El Sayed Elsisy u dan peress li "*Elsisy jkun mieghi hafna mill-hin tal-gurnata*" (fol. 29).

8. **El Sayed Elsisy** xehed fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2012. Huwa jghid li ltaqa ma' l-attrici darba fejn il-hanut taghha, u ftakar ukoll li "*s-sena l-ohra jiena kont mort ma' Mohammed gewwa Haz-Zabbar fejn it-triq tas- Saint James u hemm naf illi Mohammed ta' lill-oht Romina s-somma ta' disa' mija u hamsin ewro jiena kont prezenti ghal din l-okkazzjoni u kont hdejh fil-karozza, fil-fatt Edmea giet hdejn it-tieqa ta' fejn kien Mohammed*" (fol. 31). Kien hemm xi zewg okkazzjonijiet ohra fejn huwa mar ma Mohammed hdejn il-hanut ta' l-attrici u Mohammed ighidlu li kien sejjer jaghti xi flus lill-attrici. F'dawn l-okkazzjonijiet pero huwa ma rax lill-Mohammed jaghti dawn il-flejjes fizikament. Meta gie mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa qattx mar ma Mohammed biex ihallas il-kont tal-GO gewwa xi outlet ta' l-imsemmija socjeta, dan ix-xhud iwiegeb fl-affermattiv u kienu marru rahal Gdid. B'referenza ghad-€950, dan ix-xhud ighid li "*il-flus li jigbed Mohammed mill-flus illi nkun qieghed niehdu ahna matul ix-xahar jinkitbu fuq ktieb, niftakar illi dawn id-disa' mija u hamsin ewro ukoll inkitbu fuq dan il-ktieb u dan sabiex mbaghad mhux ninsew minn ikun gibed x'hiex u x'ma hemmx u jkollna record ta' kollox*" (fol. 31).

Ikkunsidra ulterjorment;

9. Illi l-attrici permezz ta’ din il-kawza qeghda titlob ir-rifuzjoni ta’ l-ammont ta’ €1,060 – hekk kif ridotta permezz ta’ nota taghha datata 30 ta’ April, 2012 – liema ammont huwa dovut lis-socjeta GO p.l.c. ghal servizzi li kienet tuza l-konvenuta gewwa l-fond taghha f’Marsascala. Is-servizz kien tqieghed fuq isem l-attrici peress li l-konvenuta ma setatx tapplika ghas-servizz ghax kellha xi kontijiet mhux imhallsa ma’ l-istess socjeta. Da parti taghha, l-konvenuta tghid li hija ma ghandhiex taghti lill-attrici l-ghaliex hija hallsitha l-ammonti kollha li kellha taghti ghal uzu ta’ dawn is-servizzi.

10. Iz-zewg partijiet resqu x-xhieda taghhom biex isostnu l-verzjoni taghhom. Ghalhekk il-kwistjoni f’dan il-kaz sejra tinvolvi apprezzament tal-provi u tax-xhieda moghtija mill-partijiet u x-xhieda hawn fuq elenkata quddiem it-Tribunal.

11. Kif korrettement gie osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** deciza mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti civili fis-27 ta’ Mejju, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran “*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta’ l-oneru tal-provi in materja ta’ pagamenti ta’ debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f’kaz ta’ dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta’ konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta’ l-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju ‘actore non probante, reus absolvitur’. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor ‘reus in exipiendo fit actor’ ghax, jerga’ jinghad, l-oneru centrali ta’ l-akkuza jibqa fuqu. Altrimenti f’kull kaz ta’ kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa sospiza fi stat ta’ dubju jekk hemmx debitu*”.

12. Fil-kaz odjern jinsab stabbilit li l-attrici kienet pprestat isimha sabiex il-konvenuta tkun tista tinstalla gewwa r-residenza taghha f'Marsascala s-servizz tal-*Home Pack* mis-socjeta GO p.l.c. Il-ftehim bejn il-kontendenti kien li l-konvenuta thallas il-kontijiet ghal dan is-servizz li kienet qeghda tuza hi. Irrizulta ukoll li l-kontijiet mhux dejjem thallsu fil-hin u kien hemm kazijiet fejn il-kont kien jitla gmielu, izda dawn dejjem thallsu. Il-vertenza bejn il-partijiet inqalghet fuq l-ahhar kont li ukoll kien ammont kbir ta' cirka disa mija u hamsin euro (€950) u li baqa ma thallasx sal-mument li s-servizz tal-GO kien gie terminat. Dwar dan il-kont, il-konvenuta u x-xhieda mressqa minnha jsostnu li dan il-kont thallas fl-ahhar gimgha ta' April, l-ewwel gimgha ta' Mejju, 2011 filwaqt li l-attrici u x-xhieda minnha mressqa lkoll jsostnu li sa Settembru, 2011 dan il-kont kien ghadu ma thallasx. Kien ghalhekk imbaghad li l-attrici waslet fi ftehim mas-socjeta GO p.l.c fl-24 ta' Novembru, 2011 sabiex hija thallas il-bilanc li kien fadal f'rati mensili. Meta gie ffirmat il-ftehim, l-ammont dovut kien ta' €1,287. F'dan l-ammont kien hemm ukoll, fost spejjez ohra, is-somma ta' €337.38 dovuti in rigward tad-*decoder* tat-televizjoni u l-*modem* ta' l-*internet*.

13. Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq il-konvenuta tal-pagament li hija tallega li ghamlet. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech** deciza 28 ta' Mejju, 1885 qalet li "*La prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega*[3]. Fi kliem iehor, in tema ghal dak li nghad fid-decizjoni aktar 'il fuq citata, il-konvenuti jenhtiegilhom qabel xejn jipprovaw, b'mod konvincenti u konkluziv, illi huma effettivament ghamlu l-hlas lura tas-somma reklamata. Jekk huma ma jirnexxilhomx jaghmlu din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (art. 1145 tal-Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Wisq ovvjament, din id-deficjenza tirrikadi fuqhom ghax fuqhom kien inkombenti l-oneru tal-prova tal-pagament;

14. Fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri** sup. cit. insibu li "*qari attent*

[3] Kollez. Vol. X pagna 825

*tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa allura salv il-principju illi f'kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl-impostament ta' l-argoment tezisti*" (Ara **Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar, 2000).

15. Hu pacifikament stabbilit illi "*l-pagament jista jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur. Kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji li jridu jkunu tali li jkunu kapaci jikkonvincu lill gudikant*[4]".

16. Issa f'dan il-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenuta ma rnexxieliex fuq bazi ta' konvinciment morali tikkonvinci lit-Tribunal bil-veracita ta' l-allegazzjonijiet taghha. Ibda biex mill-provi prodotti jidher bic-car li l-konvenuta qatt ma kienet thallas il-kontijiet fil-hin, anzi kien hemm xi kontijiet li hija baqghet qatt ma hallset bhal dawk in konessjoni mas-servizzi provduti gewwa l-fondi li hija kienet tirrisjedi ghal xi zmien fir-Rabat imbaghad gewwa Bormla. Tajjeb jew hazin, dawn il-kontijiet dejjem kienu fuq isimha u hija tipprova tiggustifika l-ghala dawn il-hlasijiet ma sarux billi tghid li kellhom jaghmluhom il-persuni li kien hemm maghha. Ta' l-ewwel – cioe l-kont tar-Rabat – kellu jhallsu l-*boyfriend* taghha, filwaqt li tat-

[4] Ara d-decizjonijiet riportati fil-volumi XLIII p.II p 624 u XXXVII p.I p.525

Tieni – cioe l-kont ta' Bormla – kellu jhallsu missierha. Apparti minn hekk, l-istess konvenuta tammetti li hija kienet thalli l-kontijiet telghin u imbaghad taqbad u thallas ammont kbir f'daqqa wara li jkun ghaddielha l-flus is-sieheb prezenti taghha. Ghar-rigward tal-ammont li l-attrici qeghda titlob in konnessjoni mal-kont tal-GO, il-konvenuta tammetti li dan il-kont ma thallasx meta kien dovut u dan peress li kienet qeghda tistenna lils-sieheb taghha jigi minn barra sabiex huwa jkun jista jhallsu. Pero imbaghad hija qeghda tghid li s-sieheb taghha hallas lill-konvenuta l-ammont dovut ta' €950. Ibda biex jinghad il-konvenuta ma kenitx prezenti meta s-sieheb taghha, allegatament ta lill-attrici s-somma ta' disa mija u hamsin euro (€950). Kien hemm prezenti siehbu li xehed ukoll f'dawn il-proceduri. It-Tribunal ma huwiex konvint dwar il-veracita ta' dawn l-ahhar zewg xhieda. Huwa minnu li l-konvenut u siehbu jaqblu fid-dettalji principali tal-vicenda tal-hlas u cioe li fl-ahhar gimgha ta' April, 2011 jew fl-ewwel gimgha ta' Mejju, 2011 huma kienu marru fejn il-hanut ta' l-attrici fejn hemmhekk, is-sieheb tal-konvenuta ghadda pagament ta' €950 izda mbaghad meta Elsisy gie mistoqsi jekk kienx hemm xi okkazzjonijiet ohra fejn ra lill-Mohammed jghaddi flejjes lill-attrici huwa jwiegeb fin-negattiv. Kien din id-darba biss li ra lill-Mohammed jghaddi l-flus lil attrici. Apparti dan, l-istess Mohammed jghid li huwa darba jew darbtejn biss mar ihallas il-kont direttament gewwa l-*outlet* tal-GO u ghal bqija kien imur ghand l-attrici biex jaghtiha l-flus u hi mbaghad tmur thallas l-istess kont. Siehbu jghid li kien hemm xi zewg okkazzjonijiet fejn Mohammed mar jhallas lill-attrici l-flus in konessjoni ma dan is-servizz, ghalkemm qatt ma rah fizikament jghaddi dawn il-flus hlief meta Mohammed ghaddielha s-somma ta' €950. Issa jekk wiehed jara l-i*statement* li esebixxa Paul Busuttil, rappresentant tal-GO p.l.c., liema statement jinsab esebit a fol. 36 tal-process u senjatament t-tieni faccata tieghu, wiehed jista jirrejalizza li pagamenti (qabel ma gie ffirmat l-ftehim bejn l-attrici u s-socjeta GO p.l.c fl-24 ta' Novembru, 2011) kien hemm hdax (11)-il pagament sad-9 ta' Awissu, 2010. Wara din id-data ma sarux pagamenti ohra lis-socjeta GO p.l.c u kien biss wara li gie iffirmat il-ftehim tal-24 ta' Novembru, 2011 li regghu bdew isiru l-pagamenti. Issa jekk is-sieheb tal-konvenuta mar ihallas

"*xi darba jew darbtejn*" (fol. 29) huwa personalment u l-"*kumplament kont immur ghand Edmea u nghaddilha l-flus hdejn il-hanut taghha*" (fol. 29) allura possibbli li l-"*kumplament*" – li kif rajna jammontaw ghal disa (9) okkazzjonijiet – tad-drabi, Elsisy, li fi kliem Mohammed "*jkun mieghi hafna mill-hin tal-gurnata*" (fol. 29) qatt ma ra lill-konvenut jghaddi fizikament il-kumplament tal-flus lill-attrici hlief dawn id-€950 li jghid li rah jghaddielha. Oltre dan, kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn Mohammed kien imur ghand l-attrici jew biex issarraflu xi cheque (fol. fol. 30 meta jissemma cekk ta' elf euro) jew biex jaghtiha cekk ghal flus li hija tkun selfitu (fol. 29 meta jissemma elf euro ukoll).

17. Oltre dan, jekk Mohammed verament ta s-somma ta' €950 lill-attrici lejn l-ahhar ta' April 2011, bidu ta' Mejju, 2011, x'inhi r-raguni l-ghala hija (cioe l-attrici) baqghet tinsisti mal-konvenuta biex thallas dan l-ammont sa Settembru, 2011 minflok qabdet u hallset dan l-ammont meta Mohammed kien ta dan l-ammont? L-ghaliex ma marx Mohammed biex ihallas dan l-ammont kif kien ghamel fi kliemu stess darba jew darbtejn? Da parti taghha, l-attrici dejjem insistiet li hija qatt ma inghatat flejjes biex thallas dawn il-kontijiet minghand il-konvenuta jew is-sieheb taghha.

18. It-Tribunal itendi iktar jemmen ix-xhieda mressqa mill-attrici u lill-istess attrici. Jidher li l-attrit bejn il-partijiet zdied u mhux naqas specjalment tul is-sena 2011 meta l-attrici indunat li l-konvenuta ma kienitx hallset il-kont pendenti tal-GO p.l.c u imbaghad inqalghet il-kwistjoni tal-hanut. Irrizulta mill-provi li f'dan il-hanut l-ewwel kien hemm il-konvenuta u imbaghad dahlet flokha, wara li kienet irceviet karta mill-Qorti biex tohrog minnu ohtha l-attrici. Jidher li l-inkwiet skala sew f'dan iz-zmien u allura meta t-Tribunal jiehu kollox in konsiderazzjoni u anke d-deportament tax-xhieda quddiemu huwa tal-fehma li mhux minnu li l-konvenuta hallset l-ammont ta' €950 lill-attrici kif qed tallega. Oltre dan, Joan Zammit xehdet li l-konvenuta kienet halliet hafna kontijiet warajha ghar-rigward tal-hanut li kienet hadet minghand l-gharus taghha. L-istess xhud tghid ukoll, u t-Tribunal ma ghandux ghalfejn

jddubita mill-veracita taghha, illi l-konvenuta kienet stqarret maghha li hija ma kienet ser taghti xejn lill-attrici. Dan il-fatt huwa korrabborat minn Cristabel Zammit ukoll.

19. Kollox ma kollox, it-Tribunal ma huwiex konvint moralment li dawn il-flus inghataw lill-attrici u konsegwentement huwa sejjer jghaddi biex jilqa t-talba attrici kif ulterjorment ridotta minnu.

20. B'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u cioe li ma hemm l-ebda ness guridiku bejnha u bejn l-attrici u li hi ma kienitx obbligata li thallas ghal uzu tat-telefon, it-Tribunal jghid mal-ewwel li din ma ghandhiex mis-sewwa. Ibda biex mhux linja tat-telefon biss kien hemm, imma anke *internet* u *cable television*. Imbaghad hemm ix-xhieda skjetta tal-konvenuta a fol. 27 tal-process meta tghid li l-ftehim bejn il-kontendenti kien li "*... l-hlas relattiv ghall-uzu ta' dan is-servizz kelli naghmlu kollu jien*" (fol. 27). Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni taghha qeghda tigi michuda.

21. B'referenza ghat-tieni eccezjoni fejn il-konvenuta tghid li hija ghazlet li tikkumpensa lill-attrici *ex gratia* ghal servizz ta' telefon li kellha fuq isimha, t-Tribunal jerga' jaghmel referenza ghax-xhieda tal-konvenuta hawn appena citata u jirrileva li l-konvenuta mhux ex gratia kienet qeghda taghmilhom imma ghax kienet ftehmet ma ohtha hekk u cioe li hija thallas ghas-servizz li kienet qeghda tiehu minghand is-socjeta GO p.l.c. gewwa r-residenza taghha, liema servizz pero kien fuq isem l-attrici. Ghalhekk il-konvenuta kellha obbligu li thallas dan l-ammont ghax hi biss kienet qeghda tuza s-servizzi tal-GO u mhux ohtha l-attrici li ghamlitilha pjacir u hadet il-pakkett offrut mill-GO fuq isimha bir-responsabbiltajiet u konsegwenzi kollha li dan il-fatt jimporta u jgib mieghu. Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

22. It-tielet eccezzjoni, kif diga rajna aktar il-fuq hija ukoll mhux sostenibbli fil-ligi u konsegwentement qeghda tigi michuda.

23. Ghar-rigward ta' l-ammont dovut, d-*decoder* u l-*modem* u xi affarijiet ohra gew ritornati lis-socjeta GO p.l.c. u ghalhekk zgur li l-ammont reklamat ghandu jonqos b'dan l-ammont. Fil-fatt, l-attrici resqet nota ta' riduzzjoni u ghalhekk qeghda titlob lit-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' €1,060 biss flok is-somma originali ta' €1,335. Kif l-attrici waslet ghas-somma ta' €1,060, it-Tribunal ma jafx. Dan peress li jekk titnaqqas is-somma ta' €337.38 (ammont ta' l-oggetti moghtija lura lill-GO p.l.c.) mis-somma ta' €1,335 (talba originali) jigi l-bilanc ta' €997.62. Jekk imbaghad titnaqqas minn dan l-ahhar ammont is-somma ta' €48 li s-socjeta GO p.l.c. ziedet mal-kont taghha minhabba l-ispedizzjoni da parti taghha kontra l-attrici ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jigi l-ammont ta' €949.62 li huwa l-ammont li dejjem semmiet il-konvenuta fix-xhieda taghha. Dan l-ammont ukoll jikkombacja ezatt ma l-istatement prezentat mir-rapprezentant tal-GO p.l.c., Paul Busuttil u li jinsab esebit a fol. 36 et seq tal-process.

24. Ghalhekk, huwa l-ammont ta' €949.62 u l-ammont ta' €48 li komplessivament igibu s-somma ta' €997.62 li huma dovuti mill-konvenuta lill-attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, inkluz l-ewwel eccezzjoni taghha li ma hemm l-ebda ness guridiku bejnha u bejn l-attrici, jilqa t-talba attrici limitatament ghal ammont ta' disa' mija sebgha u disghin euro u tnejn u sittin centezmi ta' euro (€997.62) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' disa' mija sebgha u disghin euro u tnejn u sittin centezmi ta' euro (€997.62) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont skond l-ghola rata permessa mill-ligi mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------